MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Numru. 994/2006

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN MALLIA
VS
EMMANUELE ABELA
SALVATORE CALLUS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Emmanuele Abela, ta’ 75 sena, bin il-mejjet Giovanni u Annetta nee’ Attard, imwieled Sliema fil-21 ta’ Settembru 1930, residenti fil-fond Nru 74A, Triq Sant’Enriku, Sliema, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 631930(M); kif ukoll Salvatore Callus, ta’ 68 sena, bin il-mejjet Antonio u Maria Anna nee’ Cassar, imwieled Sliema nhar l-4 ta’ Mejju 1937, u residenti fil-fond Nru 22, Triq Ganni Bencini, Sliema, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 393537(M);
u akkuzati talli fis-27 ta’ Marzu 2006 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, f’Tas-Sliema u f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer,

minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbsu, nehhew, biddlu jew ghamlu numru ta' l-identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta', jew fuq, vettura bil-mutur, u cioe' billi stampaw numru tal-magna tal-marka Daihatsu jaqra 02238.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (dokument SM a fol 12) u tal-imputati (a fol 8 u 9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati (a fol 6).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputati jirripensaw ruhhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, din il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikolu 298D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena. In oltre, din il-Qorti tordna illi l-vettura Daihatsu jsirilha dak kollu necessarju sabiex tkun tista' tintuza' fit-triq regolarment u legalment.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati u l-fatt illi l-imputati huma penzjonanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------